**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 23 ta' Lulju, 2018**

**Rikors Nru: 178/2014 MLF**

**Arkadia Marketing Ltd.**

**vs**

**Mark Ellul**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta attrici fejn talbet li jigi likwidat l-ammont dovut in linea ta' danni rizultanti minn agir kolpevoli tal-konvenut, kif jigi spjegat waqt is-smiegh u li l-konvenut jigi ikkundannat ihallas l-ammont rizultanti lis-socjeta attrici. Is-socjeta attrici iddikjarat li ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri, l-ammont ta' danni pretizi ma jissuperawx €6000. Hija talbet ukoll li l-konvenut jigi ikkundannat ihallas l-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra bonarja datata 4 ta' Dicembru 2013.

Rat ir-risposta tal-konvenut, fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament, ir-rikorrent qed jaghti ruhu b'notifikat, kemm bl-avviz tas-smiegh, kif ukoll bir-rikors promotur tas-socjeta attrici, u dan nonostante l-fatt illi n-notifika tieghu, ai termini tal-ligi ghadha ma saritx stante illi ghad baqa' ssir il-pubblikazzjoni.

2. Illi fl-ewwel lok, it-talbiet tas-socjeta attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan kif se jirrizulta ahjar waqt is-smiegh tar-rikors odjern;

3. Illi fit-tieni lok, ma hemm ebda ness jew konnessjoni ta' natura legali, bejn l-intimat u kwalunkwe agir attriwibbli lilu, u s-socjeta rikorrenti, u konsegwentement is-socjeta rikorrenti qatt ma setghet soffriet ebda danni kagun tieghu;

4. Illi ghalhekk l-intimat mhux il-legittimu kontradittur;

5. Illi jigi umilment sottomess illi t-talba tas-socjeta attrici hija vaga, u dan meta wiehed jikkonsidra l-fatt illi s-socjeta rikorrenti naqset milli taghmel anke b'mod vag, tal-anqas indikazzjoni, ta' minn fejn huma naxxenti d-danni li allegatament soffriet konsegwenza tal-agir tal-intimat.

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti ipprezentati u l-atti kollha tal-process.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Il-konvenut kien impjegat bhala *delivery man* mas-socjeta Alf. Mizzi & Sons Ltd, liema socjeta kienet tbiegh diversi prodotti lis-socjeta attrici, fuq bazi regolari.

2. Il-konvenut kien jinghata l-prodotti mis-socjeta Alf. Mizzi & Sons Ltd, u hu kien jikkonsenjahom lis-socjeta attrici.

3. F'Settembru 2013, is-socjeta attrici ghamlet *stock take* bhala procedura normali, u sabet diskrepanza ikbar min-normal f'numru ta' prodotti li kienet ordnat minghand is-socjeta Alf. Mizzi & Sons Ltd., li nstabu nieqsa.

4. Ix-xahar ta' wara is-socjeta attrici regghet ghamlet *stoke take iehor* u irrizultalha li f'perjodu ta' xahar, id-diskrepanza regghet kienet kbira wisq – u cioe l-ammont ta' prodotti ordnat fuq l-invoice, ma kienx jaqbel mal-ammont konsenjat.

5. Id-diskrepanza irrizultat li kienet fil-prodotti li kien jikkonsenja l-konvenut.

6. Sar spot-check waqt konsenja li ghamel il-konvenut u nstabu prodotti nieqsa, u d-dirigenti tas-socjeta attrici ikkonkludew li l-konvenut kien qed jiehu l-prodotti li instabu nieqsa.

7. Skond ix-xhieda ta' Pierre Rapa, manager tas-socjeta attrici, kif sar l-ispot check hu u Edrick Sultana, l-istores manager, kellmu lill-konvenut u r-reazzjoni tal-konvenut kienet li ried jirranga maghhom ghax kien zball tieghu. Pero x-xhud Rapa ma ftakarx jekk il-konvenut kienx ghamel xi offerta jew proposta sabiex jirranga l-affarijiet mas-socjeta attrici. Min-naha l-ohra x-xhud Sultana xehed li l-konvenuti kien staqsihom kemm kienet il-figura biex jirrangaw l-affarijiet, biex ma jghidux lill-principal tieghu. Pero huma ma tawhx figura ghax riedu jkellmu lill-principal tieghu.

8. Id-dirigenti tas-socjeta attrici tkellmu mas-socjeta Alf. Mizzi & Sons Ltd., li iddirigew ikellmu lill-konvenut direttament, pero ma jirrizultax li regghu kellmuh.

9. Min-naha l-ohra, fl-affidavit tieghu, il-konvenut cahad kategorikament li wara li sar l-ispot check, hu ried jirranga mad-dirigenti tas-socjeta konvenuta minhabba l-prodotti li nstabu nieqsa. Fil-fatt jghid hekk: *"Nghid illi jiena ma ridtx nirranga maghhom dak il-hin minhabba l-affarijiet nieqsa ghax skont kif implikaw huma hadthom jien; izda bhala hi l-prassi illi l-prodotti fil-gagga ma bdewx jaqblu mal-ammont tal-invoice jien rajt x'hemm nieqes u tajthomlom dak il-hin stess."*

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

*Eccezzjoni Preliminari – li l-Konvenut mhux il-legittimu kontradittur*

Il-konvenut jissottometti li r-relazzjoni guridika tas-socjeta attrici kienet mal-principal tieghu Alf. Mizzi & Sons Ltd. li mieghu hija kellha l-ftehim li tixtri l-prodotti. Huwa jissottometti li ma kien hemm l-ebda relazzjoni ta' natura legali bejnu u bejn is-socjeta attrici, ghax hu kien biss impjegat tas-socjeta Alf. Mizzi & Sons Ltd.

Kif gie ritenut fis-sentenza **Anthony sive Tony Jones vs. It-Tabib Francis Pullicino et**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[1] fis-27 ta' Gunju 2008: *" ... ... Ma hemm xejn xi jzomm milli l-istess azzjoni ghal danni minhabba hsara mill-istess fatt issir fl-istess hin kontra konvenuti marbuta mal-attur minn relazzjoni kuntrattwali u kontra konvenut iehor li hu msejjah biex iwiegeb ghal danni ex delicto."*

Ghalkemm jirrizulta mill-provi li s-socjeta attrici ghandha relazzjoni kontrattwali ma' Alf. Mizzi & Sons Ltd., dan ma jinpedixxihiex milli tistitwixxi proceduri odjerni kontra l-konvenut *ex delicto.* Naturalment f'dan l-istadju, dan qed jintqal minghajr pregudizzju, ghall-kwistjoni fil-meritu jekk fil-fatt giex ippruvat li l-konvenut verament kien qed jisraq xi prodotti li suppost huwa kellu jikkonsenja lis-socjeta attrici.

Ghaldaqstant, it-tielet (3) u r-raba' (4) eccezzjonijiet tal-konvenut qed jigu michuda.

*Il-Meritu*

Il-hames (5) eccezzjoni tal-konvenut hija li r-rikors promotur huwa vag, stante li s-socjeta attrici ma tat l-anqas indikazzjoni, ta' minn fejn huma naxxenti d-danni li allegatament soffriet konsegwenza tal-agir tal-konvenut.

[1] *Per* Imhallef Giannino Caruana Demajo.

Il-Qorti tirreferi ghall-insenjament fis-sentenza **Albert Degiorgio vs Loris Bianchi**, deciza fit-23 ta' Jannar 2004, fejn il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[2] qalet hekk: *"Kif rilevat fis-sentenza a Vol. XXXII-i-230 l-ligi tirrikjedi l-espressjoni cara tal-kawza u tal-oggett tat-talba bl-iskop li l-konvenut jew l-intimat, skond il-kaz, ikunu fi grad li jkunu jafu sewwa ghal x'hiex ghandu jirrispondi. L-appellant odjern, appellant f'dik il-kawza l-ohra, ma tqieghed f'ebda diffikulta ta' difiza tieghu minhabba dak l-izball ghaliex dwar l-identita tal-fond ma kien hemm l-ebda diffikulta jew dubbju."*

Bl-istess mod, fil-kaz odjern, din il-Qorti hija moralment konvinta li meta l-konvenut ircieva r-rikors promotur kien jaf precizament x'kienet il-pretensjoni tas-socjeta attrici kontrih. Pero anke jekk din il-Qorti ttih il-beneficcju tad-dubbju, iz-zewg xhieda prodotti mis-socjeta attrici kienu ben precizi x'kienet il-pretensjoni tas-socjeta attrici kontrih, u effettivament il-konvenut iddefenda ruhu kontra dawk il-pretensjonijiet specifici bl-affidavit tieghu u b'nota ta' sottomissjonijiet ezawrjenti. Ghaldaqstant, il-konvenut ma gie bl-ebda mod menomat fid-difiza tieghu, bil-mod kif gie redatt l-avviz promotur.

Rigward il-meritu, fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, s-socjeta attrici qalitha cara li hi qed tistrieh fuq l-allegata asserzjoni, li skond hi mhix materjalment kontestata, li meta l-konvenut gie konfrontat bl-effetti tal-htija tieghu, hu ammetta l-htija tieghu, cioe n-negligenza kolpevoli li wera fil-qadi tad-dmirijiet tieghu u ndika li "xtaq jirranga". Pero kuntrarjament ghal dak li tghid s-socjeta attrici, din l-allegata ammissjoni giet kategorikament michuda mill-konvenut fl-affidavit tieghu kif fuq citat, kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu.

Konsegwentement, din il-Qorti hija rinfaccata b'zewg versjonijiet konflingenti tal-fatti – dik taz-zewg xhieda prodotti mis-socjeta attrici li jghidu li l-konvenut ammetta maghhom il-htija tieghu, u dik tal-konvenut li kategorikament jichad li b'xi mod accetta xi htija ghan-nuqqasijiet fil-merkanzija.

Ma hemmx dubbju li l-oneru tal-prova li l-konvenut kien kolpevoli fil-qadi ta' dmirijietu u li ammetta ghal dan il-fatt mad-dirigenti tas-socjeta attrici jinkombi lis-socjeta attrici.

---

[2] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

Mill-provi jirrizulta li meta l-konvenut kien imur iqassam ix-xoghol lis-socjeta attrici, jew kwalunkwe hanut iehor, kien ikollu l-invoice bil-prodotti ordnati ipprintjati fuqha kif ukoll l-ammont illi jkunu gew ordnati. Huwa kien ihott l-ordni kollha u jaghmilha go "gagga" biex jaghtiha lil min ikun ser jiffirma ghall-ordni tax-xoghol dakinhar. Qabel ma kien jghaddilhom l-ordni hu kien jurihom il-prodotti kollha u huma kienu jiffirmaw li qeghdin jaccettaw l-ordni, wara li jikkonfermaw illi l-prodotti mnizzlin fl-invoice qeghdin gol-gagga fl-istess ammonti.

Certament li fejn il-prodotti ordnati mis-socjeta attrici ma kienux jigu ikkonsenjati go kaxxi tal-kartun issiggillati, kien facli ghal min qed jircievi l-konsenja li jivverifika jekk kienx hemm xi prodotti nieqsa. Fejn il-prodotti kienu jigu ikkonsenjati go kaxxi issigillati, din il-Qorti hija moralment konvinta li min jircievi l-konsenja seta' xorta jinduna li l-kaxxi kienu infethu wara li hargu mill-istore ta' Alf. Mizzi & Sons Ltd. u regghu gew issiggilati, ghax ma jistghax ikun li jitnehha s-sigill minn fuq il-kaxxa u jerga' jitpogga minghajr ma min ghamel dan l-att ihalli xi forma ta' marka fuq il-kaxxa tal-kartun. Fix-xoghol tad-*delivery*, specjalment ta' azjenda kbira lil azjenda kbira ohra, huwa facli hafna illi jkun hemm xi diskrepanzi bejn l-ordni fl-invoice u dak li jigi konsenjat. Ghalhekk l-impjegati tas-socjeta attrici kellhom juzaw id-diligenza necessarja biex jaraw li l-prodotti konsenjati jaqblu mal-ordni fl-invoice. Ghaldaqstant, meta l-impjegati tas-socjeta attrici kienu jiffirmaw li qeghdin jaccettaw il-prodotti fl-ammonti supplixxiti, ir-responsabilita tal-konvenut kienet tintemm hemm.

Inoltre, s-socjeta attrici qatt ma lmentat li qeghda ssib xi prodotti neqsin, hlief meta ghamlet l-istock take f'Settembru 2013, u iehor sussegwenti xahar wara, u mbaghad meta ghamlet l-ispot check waqt il-konsenja, irrizulta li kien hemm xi prodotti neqsin, u skond ix-xhieda tal-konvenut, hu tahom il-prodotti li nstabu nieqsa waqt l-ispot check dak il-hin stess. Certament is-socjeta attrici ma setghetx awtomatikament tikkonkludi li l-konvenut kien responsabbli ghal dan in-nuqqas waqt l-ispot check, semplicement ghax hu kien id-delivery man. Wisq inqas setghet tikkonkludi li hu kien responsabbli ghal-prodotti li nstabu nieqsa f'sena shiha, meta kif sewwa osserva l-konvenut, hafna minn dawn il-prodotti riedu jinzammu refrigerati u kellhom skadenza limitata, u ghalhekk setghu intremew ghax skadew u konsegwentement ma gewx inkluzi fl-istock take. Inoltre, mix-xhieda mhux kontradetta tal-konvenut, hu ma kienx l-uniku delivery man mas-socjeta attrici.

Inoltre hemm divergenza bejn iz-zewg xhieda tas-socjeta attrici u l-konvenut dwar liema prodotti kienu jigu konsenjati minnu.

Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni li mix-xhieda mhux kontradetta tal-konvenut, huwa kien ilu jahdem mas-socjeta Alf. Mizzi & Sons ghal ghaxar (10) snin, u kien jaghmel circa hamsa u ghoxrin (25) konsenja kuljum, f'liema snin hu qatt ma kien iffaccjat b'allegazzjonijiet bhal dawk tas-socjeta attrici.

Kif diga inghad, is-socjeta attrici qed tistrieh fuq l-allegata ammissjoni tal-konvenut tal-kolpevolezza tieghu ghall-prodotti li naqas li jikkonsenja. Pero, mill-konsiderazzjonijiet hawn fuq esposti, din l-allegata ammissjoni, lanqas hija korroborata mill-provi cirkostanzjali.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet suesposti, din il-Qorti tqis li fl-istat tal-provi prodotti quddiemha, il-pretensjoni tas-socjeta attrici tistrieh biss fuq semplici possibbilitajiet, u ma rnexxiliex tipprova sal-grad rikjest fil-kamp civili, u cioe fuq il-bazi ta' bilanc tal-probabbilitajiet, il-pretensjoni taghha kontra l-konvenut.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, filwaqt li tichad it-tielet, ir-raba' u l-hames eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-tieni eccezzjoni tieghu, u tichad it-talba tas-socjeta attrici fit-totalita taghha.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti kwantu ghal parti minn hamsa (1/5) mill-konvenut u kwantu ghal erba' partijiet minn hamsa (4/5) mis-socjeta attrici.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**